# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Preliminari Nru. 2688**

**Chairman: Is-Sur John Bencini,**

**B.A. (Hons.), Lic. Phil., M.O.M.**

**Kaz Nru: 3884/JB**

**Fil-kwistjoni tax-Xogħol bejn:**

**Colin Galea**

**Brady Francis Scerri Sevasta**

**vs.**

**AirX Jet Support (Malta) Ltd (C 80029)**

*dwar: allegazzjoni ta' terminazzjoni inġusta ta'mpjieg*

Illum : 13 ta' Novembru 2020

It-Tribunal:

Ra r-Rikorsi promoturi tar-Rikorrenti Colin Galea u Brady Francis Sevasta;

Ra r-Risposta tal-Kumpanija intimata AirX Jet Support (Malta) Limited (C80029);

Sema' l-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom;

Ikkonsidra:

Illi l-Kumpanija intimata qed tressaq eċċezzjonijiet preliminari u titlob lit-Tribunal sabiex:

1) Jiċħad illi jiehu in konjizzjoni r-rikors tal-esponenti minħabba nuqqasijiet serji ta' proċedura formali quddiem it-Tribunal;

2) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiċħad kwalunkwe talba ili tista tiġi sollevata mir-rikors tal-esponenti minkejja l-premess, abbazi tal-fatti miġjuba f'din ir-risposta mis-soċjeta' intimata u hekk kif ser jiġi ttrattat aktar il quddiem fil-mori tal-kawza.

It-Tribunal, wara li sema' l-partijiet u qies sew l-eċċezzjonijiet preliminari u t-talbiet rigwardanti l-istess mis-soċjeta intimata fil-kwadru tal-liġi u tal-kjarifiċi li saru waqt is-seduta miżmuma fid-data 6 ta' Novembru 2020 jiddeċiedi in via preliminari billi:

1) Jiċħad it-talba li m'għandux jieħu konjizzjoni tar-rikorsi tar-rikorrenti minħabba xi nuqqasijiet proċedurali u jew ta' formalita';

2) Limitatament jiċħad it-talba illi jiċħad *a priori* "kwalunkwe talba illi tista' tiġi sollevata mir-rikors tal-esponenti minkejja l-premess, abbazi tal-fatti miġjuba f'din ir-risposta mis-soċjeta' intimata" provdut pero' illi t-talbiet tar-rikorrenti jkunu meqjusa limitati għall-kompetenza tat-Tribunal Industrijali;

3) Jordna l-prosegwiment tas-smiegħ ta' din il-kwistjoni ta' xoghol;

Iffirmat : Is-Sur John Bencini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja